MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 235/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. Debattista)**
**Vs**
**Mark Anthony Iavarone**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 422593(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Diċembru, 2011 għall-ħabta ta' 02.45 hrs bħala persuna li assuma responsabilta' tal-ħanut ta' inbid, birra u xorb spirituż bl-isem Jules Bar li jinsab fi Triq Spinola, San Giljan

1. l-attivita' kummerċjali li qegħda f'zona urbana, iġġenerat storbju li seta` jinstema' minn barra l-post li jikkawza sikkatura u distorb lill-ġirien bid-daqq ta' mużika, b'live bans jew mużika amplifikata jew mezzi oħra bejn l-23.00 hrs u d-9.00 hrs;

2. u aktar talli bil-lejl kiser il-mistrieh ta’ Anthony Lewis bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor u cioe b’muzika b’volum gholi;

3. ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-Awtorita` jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tieghu jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma ħalliex lil ħaddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Mejju, 2012, li biha wara li rat l-artikolu 338(m) u l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikolu 38(2)(c) tal-L.S 441.07 sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu għall-ħlas ta’ multa komplessiva ta’ seba’ mija w ħamsin Ewro (€750).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta’ Mejju 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant imputat minn kull piena u ħtija, u, fin-nuqqas, u subordinatament għas-suespost, illi tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi, jekk tikkonferma l-ħtija teroga piena inqas harxa u iktar proporzjonata.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :-

**Invalidità tan-notifika lill-imputat**

Dan l-aggravju huwa ibbazat fuq il-fatt illi il-Qorti kienet ordnat illi issir in-notifika tal-imputat wara l-hin legali, bil-mod kif jidher mill-verbal tal-istess Qorti tad-9 ta’ Frar, 2012.

It-tahrika giet ikkonsenjata nhar il-11 ta' April, 2012 fid-9.15p.m.

Fl-umli opinjoni tal-esponenti pero` dik in-notifika mhijiex wahda valida ghaliex il-ligi taghmilha cara li tali procedura (ai termini tal-artikolu 363 tal-Kap IX) hija esperibbli biss f'kaz fejn il-kaz ma jkunx irid dewmien:

*363. Iċ-ċitazzjoni ma tistax tigi esegwita bejn is-sebgha ta' filghaxija u s-sebgha ta' fil-ghodu jew fil-Hdud jew fil-vaganzi pubblici jew fil-knejjes waqt il-funzjoni religjuza, hlief meta l-kaz ma jkunx irid dewmien.*

Fil-kaz odjern, ma kien hemm ebda raguni ghalfejn il-kaz ma kienx irid dewmien.
Tassew, lanqas il-verbali ma jindikaw dana kollu.

Dak it-tip ta' digriet is-soltu jiehu il-forma ragunata li tidher bhala footnote numru 1 fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jonathan Abela" tat-13 ta' Lulju, 2009.

L-esponenti jemmen illi, la il-Qorti iddecidiet illi taccetta it-talba ghal tali procedura eccezzjonali, kien necessarju illi jkun hemm digriet spjegattiv ta' dana kollu,u li jispjega wkoll ghaliex il-kaz ma jkunx irid dewmien.

Jirrizulta tabilhaqq illi ma kien hemm ebda tip ta' urgenza f'dan is-sens, u dana għandu jirrizulta anki mix-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija.

Isegwi ghalhekk in-notifika mhijiex wahda valida skond il-ligi u dan il-fatt jivvizzja l-iter kollu tal-kawa.

Ghaldaqstant jigi umilment sottomess illi dana l-aggravju għandu jintlaqa' għaliex l-imputat, illum appellant, ma kienx ġie validament notifikat bl-akkuża miġjuba kontra tieghu ghaliex ma kienx hemm raguni valida skond il-ligi biex in-notifika issir barra mill-hinijiet disposti mill-artikolu 363 tal-Kap IX.

**Preskrizzjoni**

Dan l-aggravju jittratta dwar il-fatt illi, kellu u għandu jirriżulta illi it-tieni u it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat huma preskritti u għalhekk huwa kellu jiġi liberat minnhom f'tali sens.

It-tieni akkuza hija dik kontemplata fis-subartikolu 338(m) tal-Kap IX.

It-tielet akkuża hija dik kontemplata fis-subartikolu 338 (ee) tal-Kap IX.

Bla preġudizzju ghall-aggravju dwar l-invalidità tan-notifika, kieku in-notifika kellha tigi konsiderata bhala wahda valida, tkun seħħet fil-11 ta' April, 2012.

L-imputat huwa akkuzat dwar fatti li allegatament graw fl-10 ta' Dicembru, 2011.

Is-subartikolu 688 (f) tal-Kap IX jiddisponi illi l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' tliet xhur ghall-kontravvenzjonijiet.

Dawk it-tliet xhur ċertament li skadew, mingħajr ma saret notifika, fl-10 ta' Marzu, 2012.

Ghalhekk fi-umli opinjoni tal-esponenti dana l-aggravju ghandu jintlaqa' ghaliex it-tieni u it-tielet akkuza huma kolpiti mill-preskrizzjoni u l-imputat ghandu jigi ghal tali raguni liberat in rigward tagħhom.

**Irregolaritajiet serji fit-tahrikiet lix-xhud Hanaford**

Dan l-aggravju jittratta dwar it-taħrika li rċieva ix-xhud Anthony Lewis Hanaford.

Mill-atti tal-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicholas Sultana, deciza wkoll fit-3 ta' Mejju, 2012, u li minnha wkoll qieghed jigi pprezentat appell illum stess, jirrizulta li it-tahrikiet lil dan ix-xhud kienu kollha jinkludu id-data tal-allegazzjoni tal-infrazzjoni tal-imputat kif ukoll addirittura il-hin li dwaru l-akkuza tkun harget.

Dana xehdu is-Sur Hanaford stess f'dik il-kawza fejnipprezenta wkoll wahda mit-tahrikiet li kien ircieva. Kopja annessa bhala dokument 'Y'.

Dana jirrizulta wkoll mill-verbal tas-seduta ta' dik il-kawza tat-3 ta' Mejju, 2012. Kopja annessa bhala dokument Z'.

L-esponenti jemmen illi il-Pulizija ma mxiet xejn sewwa meta baghtet it-tahrikiet b'dawn id-dettalji kollha lis-Sur Hanaford. Irid ikun huwa stess li se mai jiftakar id-dati jekk veru gie disturbat f'tali dati.

Il-fatt sottolineat mill-Qorti tal-Maistrati, fis-sentenza ta' dik il-kawza, u cioè illi is-Sur Hanaford kellu id-dati mnizlin fid-diary tieghu, bir-rispett kollu ma jfisser xejn.

Dawn l-entries setghu komodament saru wara li jkun ircieva it-tahrika mimlija bid-dettalji tal-jum u addirittura l-hin.

L-esponenti umilment jemmen illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha takkolji dana l-aggravju fis-sens illi l-agir tal-Pulizjia illi kiteb dawn it-tahrikiet ghandu jigi ikkunsidrat illi ivvizzja l-procedura kollha tal-kawza peress illi sehhet influwenza indebita fuq xhud principali u l-korrettezza tal-iter gudizzjarju giet kompromessa.

Ghalhekk jintalaq illi dana l-aggravju jintlahaq u illi l-imputat jigi liberat minn kull piena u htija.

**Zbalji fl-akkuza**

Dan l-aggravju jittratta dwar il-fatt illi f'kull kaz qatt ma setghet tinstab htija fl-imputat ghaliex fit-tahrika:

L-istabiliment huwa indikat bhala 'Jules Bar' meta fil-fatt l-isem proprju tieghu huwa 'Juuls Bar';

It-triq tal-istabiliment hija indikata bhala 'Triq Spinola' meta l-istabiliment jinsab fi 'Triq San Guzepp' f'San Giljan.

Dana ghandu jirrizulta kemm minn semplici raffront mat-testi tas-sentenzi tat-3 ta' Mejju, 2012 stess (dawk referenti ghall-akkuzi dwar 2 ta' Ottubru, 2011, 17 ta' Settembru, 2011 , u 8 ta' April, 2012, kif ukoll mid-dokument hawn anness u markat 'F' kif ukoll kif jirrizulta mid-dokumenti ezibiti mill-MTA.

Minhabba tali zbalji, l-akkuzi migjuba kontra l-appellant ma setghu qatt jintlaqghu bil-mod kif gew dedotti.

Ghalhekk, dan l-aggravju ghandu jintlaqa' fis-sens illi l-appellant ghandu jigi liberat minn kull piena u htija ghaliex bl-akkuza redatta kif inhi,  qatt ma kellu jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih.

L-appellant imharrek b'mod mhux konformi mal-licenzja

Dan l-aggravju jittratta dwar il-fatt illi l-esponenti qatt ma kellu jinstab hati tenut kont tal-mod kif l-akkuza kontrih hija redatta. Huwa fil-fatt gie imharrek bhala "Mark Anthony Iavarone "biss u mhux b'mod konformi mad-dokumenti esibiti.

Mid-dokumenti esibiti mill-MTA jirrizulta b'mod inekwivoku illi il-licensees huma "Sultana Nicholas & Iavarone Mark on behalf of Juuls Ltd."

Il-prosekuzzjoni ma ressqitx bħala xhieda rappreżentant tad-Dipartiment tal-Kummerc u ma gew ezibiti ebda licenzi elargiti minn tali dipartiment.

Ma giet ezibita ebda prova li turi responsabilità personali tal-appellant u separata minn dik on behalf of Juuls Limited kif miktuba fid-dokumentazzjoni msemmija.

Għalhekk il-prosekuzzjoni:

-ma ressqitx prova bastanti skond il-ligi biex turi li Mark Anthony Iavarone personalment kif akkużat għandu xi liċenzi fuqu in rigward tal-fond de quo;

-la akkuzatu personalment huwa ma jista’ qatt jinstab ħati għax se mai kellu jigi imharrek bl-istess manjiera kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni esibita, u cioè on behalf of Juuls Limited.

Għalhekk biss l-esponenti kellu jiġi liberat mill-akkużi kollha miġjuba kontrih u dana l-appell fl-umli opinjoni tal-esponenti ghandu jintlaqa’.

F”kull kaz il-piena ghandha tigi riformata u imnaqqsa ghax hija sproporzjonata.

Fl-aħħarnett, l-esponenti jissottometti bir-rispett, illi, tenut kont ta’ kollox, il-piena komminata kontrih hija wahda harxa immens u sproporzjonata in vista ta’ dak li huwa mixli minnu.

L-ufficjali tal-Pulizija kollha xehdu illi l-imputat ikkollabora immedjatament meta mitkellem.

Il-piena komminata hija altament sproporzjonata u jintalab illi, in mankanza ta’ akkoljiment tal-aggravji suesposti, dina tigi imnaqqsa ħafna ħalli verament tirrispekkja l-aġir tal-imputat.

Ikkonsidrat
Illi fis-seduta tal-4 t’Ottubru, 2013, wara li l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur, il-prosekuzzjoni u d-difiża qablu kif ġej dwar l-appelli numru 232/2012, 233/2012, 234/2012, 235/2012 u 515/2011:

a) f’kull wieħed minn dawn l-appelli d-difiża qed iċċedi l-aggravju dwar il-mertu;
b) id-difiża pero’ qed iżżomm sħiħ l-aggravju dwar il-piena b’mod speċjali fejn għandha x’taqsam is-sospensjoni tal-liċenzja fi tlieta mill-appelli;
ċ) Il-Prosekuzzjoni mhix toġġezzjona dwar dik il-parti tal-piena fejn id-difża qed titlob li ma tkunx imposta s-sospensjona tal-liċenzji fl-appelli 232/2012, 233/2012 u 234/2012 minħabba li la l-artikolu 20 tal-Kap 441 u lanqas l-artikolu 320 tal-Kap 10 ma jesiġu sospensjoni tal-Liċenzja jekk ma jkunx hemm reċidiva.

Ġaladarba sar dan il-verbal, il-Qorti ser tillimita ruħha primarjament għal dik li hija piena. Biss qabel tgħaddi għal dan il-punt partikolari, il-Qorti ma qed issib ebda invalidita' tan-notifika lill-imputat (illum appellant) għaliex l-artikolu dwar il-ħin meta għandha tkun innotifikata ċ-ċitazzjoni mkien ma jindika xi nullita' jekk iċ-ċitazzjoni titqassam f'ħinijiet oħra. Lanqas ma qed tara xi nullita' fit-taħrikiet tax-xhud Hanaford minħabba xi indikazzjonijiet li ngħataw dwar il-ħin u l-ġurnata. M'hemm ebda żbalji fl-imputazzjonijiet li b'xi mod jew ieħor joħolqu xi dubju dwar il-post u t-triq in kwistjoni. Barra dan l-imputat kien imħarrek korrettement kif jitlob l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpetazzjoni. Għalhekk dawn l-aggravji qed ikunu respinti.

Iżda l-Qorti qed tilqa' ( u dan qed tagħmlu wkoll ex ufficio wkoll ai termini tal-artikolu 694 tal-Kap 9) it-tieni aggravju li huwa dwar il-preskrizzjoni tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni minħabba li mill-atti jirriżulta li l-allegat storbju seħħ fl-10 ta' Diċembru 2011 waqt li a fol. 5 l-Prosekuzzjoni ppreżentat referta pożittiva li tidher li tqassmet fil-11 t'April, 2012. Minħabba li t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma kontravenzjonijiet, il-preskrizzjoni tagħhom hija ta' tliet xhur. Dan il-perjodu kien jagħlaq fil-11 t'April, 2012.

Dwar l-aggravju dwar il-piena, din mhix sproporzjonata daqs kemm qed jissottometti l-appellant. In-nies għandha dritt tistrieħ u li toqgħod kwieta fid-dar tagħha. Dwar dan il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

'53.Article 8 of the Convention protects the individual's right to respect for his private and family life, his home and his correspondence. A home will usually be the place, the physically defined area, where private and family life develops. The individual has a right to repect for his home, meaning not just the physical area, but also to the quiet enjoyment of that area. Breaches of the right to respect of th ehome are not confined to concrete or physical breaches, such as unauthorised entry into a person's home, but also include those that are not

concrete of physical, such as noise.’ (Gomez versus Spain: 16th Noember 2004).

**Decide**

**Għalhekk il-Qorti, wara li rat il-verbal imsemmi aktar ‘il fuq, u wara li laqgħet l-aggravju dwar il-preskrizzjoni in konnessjoni mat-tieni u mat-tielet imputazzjoni qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-3 ta’ Mejju, 2012 billi waqt li qed tikkonfermaha fejn sabet ħtija tal-ewwel imputazzjoni u qed tirriformaha fejn sabet ħtija tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u imponiet multa komplessiva ta’ €750 u minflok qed tiddikjara li t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma preskritti u qed timponi multa (fil-liġi indikata bħala ammenda) ta’ €660.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------